MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru 823/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ian Abdilla)

vs

Joseph Degiovanni, u
Dr Giorgio Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-umputati ta' karta ta' identita 199868(m) u 210223(m) rispettivament:

Talli fit-30 ta' Jannar 2006 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

LIL JOSEPH DEGIOVANNI WAHDU:

Talli fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici u cioe' certifikati tal-mard b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritturi jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

LIL DR GEORGE BORG WAHDU:

Talli fl-istess cirkostanzi illi minhabba l-kariga jew impieg tieghu kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni jew certifikat falz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament;
Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsiderat:

Jibda biex jinghad li fis-19 ta' Awissu 2010 wara numru sostanzjali ta' differimenti dovuti ghall-assenza ta' Dr Giorgio Borg kawza ta' mard minhabba l-anzjanita' tieghu l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizju b'dan li l-kawza kompliet fil-konfront tal-imputat l-iehor Joseph De Giovanni li fil-konfront tieghu s-sentenza qeghdha tinghata illum.

Il-kawza titratta certifikati tal-mard li l-imputat kien ghadda lid-Dipartiment tas-Sahha u li kienu jikkoncernaw lilu u li

uhud minnhom kienu allegatament imbaghbsa. Dawn ic-certifikati li kienu f'numru konsiderevoli kienu jirraprezentaw certifikati ta' mard koprenti s-snin 2004 u 2006.

Fil-konfront ta' dan l-imputat fl-imputazjonijiet kontra tieghu jippotizzaw r-reat kontemplat fl-Artikolu 183 u 188 tal-Kap 9. Hi il-fehma tal-Qorti li li l-imputazzjoni ma treggix taht l-Artikolu 183, bensi' taqa' u tinkwadra fl-Artikolu 188 li jikkontempla forma ta' falz materjali. Tispiega f'dan il-kuntest li l-Artikolu 183 jipprovdi ghall-tlitt atti, ossija, dak awtentiku u pubbliku, u dak kummercjali jew ta' bank. Fil-kas in ispecie l-att allegatament iffalsifikat (ossija c-certifikati tal-mard) ma jaqax u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jaqa' taht 'att awtentiku u pubbliku' billi f'kull kas il-pubblicita' tieghu ma tirrispettax id-dettami tal-Artikolu 1276(2) tal-Kodici Civili li wahdu jaghti definizzjoni ta' x'inhu att pubbliku. Hu ovvju li l-anqas l-att inkriminat ma jista' jinkwadra fiz-zewg 'atti' l-ohra li jisemmew f'dak l-artikolu. Invece, l-Artikolu 188 jipprovdi ghal 'kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz…". Proprju il-kaz in kwistjoni.

Illi mic-certifikati esebiti in atti u l-istqarrija tal-imputat ghandu jirrizulta t-twettiq tar-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kap 9.

Ghaldaqstant, ssib l-imputat hati tal-imputazzjoni talli fit-30 ta' Jannar u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

Rat l-Artikolu 188 tal-Kap 9 u tikkundannah elf euro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------